MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Numru 206/2014

**Spettur**

**Ian Joseph Abdilla**

**VS**

**Pierre Mifsud**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Pierre Mifsud ta’ 45 sena, bin Rudyard u Antida nee’ Gili, mwieled Attard, fil-21 ta’ Mejju 1968, residenti Block 8B, Flat 5, Triq Pietro Rossel, Pembroke u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-nurmu 224968M;

Talli fi Frar 2014 u fix-xhur ta’ qabel f’ dawn il-Gzejjer;

1) B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew bill nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn €2329.37 ghad-dannu ta\ Uk Philatelics Ltd u ta’ Philip Ryle;
2) Aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu u/jew kellu, gieghel, bl-awtorita’ tieghu innifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, jkun li jkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew b’xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat huwa dilettant tal-bolol, u ghandu kollezzjoni personali li ilu jahdem fuqha snin twal. Fil-perijodu bejn Novembru 2013 u Frar 2014, hu kien xtara minn fuq sit elettroniku bl-isem UK Philatelics ltd sett bolol ghall-prezz ta' erbat elef u erba mitt dollaru Amerikan (US$4,400) permezz ta' rkant fuq "e-bay", li izda kienu jiswew hafna aktar, madwar tletin elf Dollaru Amerikan. Ghalhekk hu hass li kien rebah irkant tajjeb hafna minn fuq dan is-sit. Meta hu rcieva dawn il-bolol li kien xtara, skopra li l-valur taghhom ma kienx korrett, anzi kien tan-nofs il-prezz li kien hallas. Ghalhekk hu ghamel talba biex jinghata l-flus lura u jirritorna l-bolol, jew jhallas biss nofs il-prezz li kien ftehem. Ried ukoll li jithallas l-ispejjez li kien nefaq biex gab certifikazzjoni tal-bolol li effettivament inghatawlu. Intlahaq ftehim, fejn Mifsud kellu jirritorna l-bolol, izda hu baghat sett ta' bolol tal-India minn flok dawk li kien ircieva. Dan ghamlu ghax hass li, ladarba xi hadd kien dahaq bih l-ewwel darba, ma riedx jerga' jingidem. Ghalhekk zamm il-bolol bhala garanzija biek ikun zgur li jirkupra l-flus tieghu lura. Is-sit UK Philatelics ltd irrappurtat dan il-fatt lill-Pulizija gewwa Malta, u ttiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat.

Mill-provi prodotti jidher li hemm qbil dwar il-fatti. L-imputat xtara sett bolol minn st elettroniku ghall-prezz indikat. Meta dawn waslu Malta, induna li l-bolol li ntbaghtu ma kienux dawk reklamati fuq is-sit, izda kienu ta' valur ferm inqas, addirittura jiswew nofs il-prezz li kien hallas. Ghalhekk zammhom ghandu halli jassigura li jithallas lura l-flus li kien nefaq.

Minn dawn il-provi l-Qorti ma tistax taqbel li hemm l-elementi tar-reat ta' frodi f'dan il-kaz. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa l-ezempju klassiku tar-reat ta' ragion fattasi, meta wiehed jesercita dritt li jippretendi li ghandu. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, l-elementi li jikkostitwixxu r-reat in kwistjoni gew spjegati hekk:

"Issa fir-rigward tar-reat ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, li jaqa' taht it-tieni imputazzjoni, l-gurisprudenza nostrana *in materia* hi li l-elementi ta' dar-reat huma erba w cioe' :-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;

(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *"di privato braccio"* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; w

(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"** [17.2.95]; **"Il-Pulizija vs. Reno Micallef"** **[**6.6.1995]; **"Il-Pulizija vs. Mark John Schembri** [18.9.2002] u ohrajn)."

Il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-imputat li hassu gie misruq jew iffrodat meta rcieva bolol li ma kienux skond dak reklamat. Huwa ghalhekk li l-Qorti mhix ser taghti piena f'dan il-kaz izda ser taghti biss sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 308, 309, 310(1)(a), 85, 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Issibu hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tillibearh bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xaharejn ai terminu tal-Art 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------